



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 10 ta' Mejju 2022
(OR. en)

7911/22

LIMITE

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0098 (NLE)

WTO 61
AGRI 140
UD 79
UK 67

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim ġenerali dwar it-tariffi u l-kummerċ (GATT) tal-1994 relatat mal-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tar-rati tariffarji kollha inklużi fl-iskeda clxxv tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-renju unit mill-Unjoni Ewropea



FTEHIM
BEJN L-UNJONI EWROPEA U NEW ZEALAND
SKONT L-ARTIKOLU XXVIII TAL-FTEHIM ĠENERALI
DWAR IT-TARIFFI U L-KUMMERĊ (GATT) TAL-1994
RELATAT MAL-MODIFIKA TAL-KONĊESSJONIJIET
FUQ IL-KWOTI TAR-RATI TARIFFARJI KOLLHA INKLUŻI
FL-ISKEDA CLXXV TAL-UE BĦALA KONSEGWENZA
TAL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT MILL-UNJONI EWROPEA

L-UNJONI EWROPEA,

minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Unjoni"

u

NEW ZEALAND,

minn hawn 'il quddiem b'mod konġunt imsejħin "il-Partijiet",

WARA LI KKUNSIDRAW in-negozjati li saru taħt il-qafas tal-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 relatati mal-modifika proposta tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tar-rati tariffarji inklużi fl-Iskeda CLXXV tat-Tariffi tal-Unjoni Ewropea b'konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, kif ikkomunikat lill-Membri tad-WTO fid-dokument G/SECRET/42/Add.2,

WARA LI NNUTAW li l-approċċ meħud f'dan il-każ jirrifletti ċ-ċirkostanzi uniċi li jirriżultaw mill-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni;

FTIEHMU KIF ĠEJ:

ARTIKOLU 1

Objettivi

Mingħajr preġudizzju għal negozjati futuri skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994 u għall-finijiet biss tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, l-objettiv ta' dan il-Ftehim huwa li jintlaħaq qbil dwar il-modifika tal-konċessjonijiet tal-kwoti tar-rati tariffarji u l-impenji kwantitattivi li jirriżultaw tal-Unjoni li ma għadhiex tinkludi lir-Renju Unit, fir-rigward tal-kwoti tar-rati tariffarji li għalihom New Zealand għandha drittijiet ta' negozjar jew konsultazzjoni skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994.

ARTIKOLU 2

Approċċ li għandu jittieħed għall-volumi tal-kwoti tar-rati tariffarji f'dan il-każ

L-Unjoni u New Zealand jifhmu li l-approċċ li għandu jittieħed għal dawn il-volumi tal-kwoti tar-rati tariffarji tad-WTO fiċ-ċirkostanzi uniċi tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni se jkunu tali li l-impenji kwantitattivi skedati fl-għamla ta' dawn il-kwoti tar-rati tariffarji tad-WTO meħuda mill-Unjoni, flimkien mal-kwoti tar-rati tariffarji kontroparti tad-WTO meħuda mir-Renju Unit wara l-ħruġ tiegħu mill-Unjoni, mhux se jaqbżu l-volumi għal dawn il-kwoti stabbiliti fl-Iskeda tat-Tariffi tal-Unjoni (EU28).

ARTIKOLU 3

Kwoti tar-rati tariffarji tal-Unjoni li ma għadhiex tinkludi lir-Renju Unit

1. Fir-rigward tal-kwoti tar-rati tariffarji ta' hawn taħt, New Zealand u l-Unjoni jaqblu dwar il-bidliet li ġejjin fl-impenji skedati kif ġej:
 - (a) Kwota tar-rata tariffarja 006 (laħam ta' kwalità għolja tal-annimali bovini, frisk, imkessaħ jew iffriżat): il-volum tal-Unjoni ta' din il-kwota speċifika għall-pajjiż ta' New Zealand għandu jiġi aġġustat għal 1 102 tunnelli;
 - (b) Kwota tar-rata tariffarja 020 (laħam tan-nagħaġ): il-volum tal-Unjoni ta' din il-kwota speċifika għall-pajjiż ta' New Zealand għandu jiġi aġġustat għal 125 769 tunnelli;
 - (c) Kwota tar-rata tariffarja 030 (trab tal-ħalib xkumat): il-volum tal-Unjoni ta' din il-kwota erga omnes għandu jiġi aġġustat għal 62 917-il tunnellata.
2. Fir-rigward tal-kwoti tar-rati tariffarji ta' hawn taħt, New Zealand u l-Unjoni jaqblu dwar il-bidliet li ġejjin fl-impenji skedati biex jiġi ffaċilitat l-użu ta' xi kwoti tar-rati tariffarji:
 - (a) Kwota tar-rata tariffarja 011 (laħam tal-annimali bovini, iffriżat; ġewwieni li jittiekel ta' annimali bovini, iffriżat): l-Unjoni għandha tnaqqas il-parti ad valorem tad-dazju fil-kwota minn 20 % għal 15 %;

- (b) Kwota tar-rata tariffarja 032 (butir): l-Unjoni għandha tneħħi l-ispeċifikazzjonijiet speċifiċi tal-prodott li applikaw skont din il-kwota tar-rata tariffarja u tallinja l-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott mad-definizzjoni tan-Nomenklatura Magħquda għall-butir u testendi l-eliġibbiltà għall-kodiċi HS 0405 10 kollu; l-Unjoni għandha wkoll tħassar l-obbligu ta' monitoraġġ li jinsab fl-Artikolu 51 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/761, attwalment fis-seħħ għall-piż u l-kontenut ta' xaħam tal-prodotti importati skont din il-kwota tar-rata tariffarja;
- (c) Kwota tar-rata tariffarja 040 (ġobnijiet Cheddar sħaħ): l-Unjoni għandha tneħħi l-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott speċifiċi li applikaw skont din il-kwota tar-rata tariffarja u testendi l-eliġibbiltà għall-benefiċċju minn din il-kwota tar-rata tariffarja għall-kodiċi NM 0406 90 21 kollu.

3. Fir-rigward tal-kwoti tar-rati tariffarji l-oħra fejn New Zealand għandha drittijiet ta' negozjar jew konsultazzjoni skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994, New Zealand taqbel mal-impenji tal-kwoti tar-rati tariffarji proposti kif stabbiliti fid-Dokument G/SECRET/42/Add.2 meħuda mill-Unjoni wara l-ħruġ tar-Renju Unit, soġġetti għal kwalunkwe aġġustament li jirriżulta mill-Artikolu 4 hawn taħt.

ARTIKOLU 4

In-negozjati tal-Unjoni li għaddejjin skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-Unjoni qed tkompli twettaq negozjati u konsultazzjonijiet ma' Membri oħra tad-WTO li għandhom drittijiet ta' negozjar jew konsultazzjoni skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994 bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni kif ikkomunikat lill-Membri tad-WTO.
2. B'riżultat ta' dawk in-negozjati u l-konsultazzjonijiet, l-Unjoni tista' tqis bidla fl-ishma u l-kwantitajiet jew kundizzjonijiet oħra stabbiliti fl-Artikolu 3 jew dawk fid-dokument G/SECRET/42/Add.2. Fil-każ ta' tali bidla fir-rigward ta' impenn preċedenti tal-kwota tar-rata tariffarja tal-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 3 li għalih New Zealand għandha dritt ta' negozjar jew konsultazzjoni, l-Unjoni għandha tikkonsulta lil New Zealand bil-ħsieb li tfittex eżitu sodisfaċenti b'mod reċiproku qabel ma tipproċedi għal kwalunkwe bidla bħal din, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' kull parti skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994.

ARTIKOLU 5

Dispożizzjonijiet finali

1. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fil- jum wara d-data li fiha l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin dwar it-tlestija tal-proċeduri legali interni rispettivi tagħhom meħtieġa għal dan l-għan.
2. Dan l-arranġament jikkostitwixxi ftehim internazzjonali bejn l-Unjoni u New Zealand, inkluż għall-finijiet tal-Artikolu XXVIII:3(a) u (b) tal-GATT tal-1994.
3. Dan il-Ftehim għandu jitfassal f'żewġ kopji bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ingliż, bl-Irlandiż, bl-Ispanjol, bl-Iżvediż, bil-Kroat, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bl-Olandiż, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bit-Taljan u bl-Ungeriż, u kull test huwa awtentiku bl-istess mod.

B'XHIEDA TA' DAN, il-Plenipotenzjarji ffirmati hawn taħt, debitament mogħtija s-setgħa għal dan l-effett, iffirmaw dan il-Ftehim.

Għall-UNJONI EWROPEA,

Għal New Zealand
